MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 503/2014

**Victor Said (ID. 854648M) kif ezerenti l-kummerc bl-isem ta' Extreme Tradinig**

**Vs**

**Charles Azzopardi**
**ID. 254353M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2014 fejn l-attur talab illi l-intimat huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' tmien mija u wiehed u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€841.41) rapprezentanti l-prezz ta' hwejjeg lilu minjugha u kkonsenjati fuq inkarigu tieghu stess (statement u fatturi relattivi annessi - Dok A).

Illi interpellat sabiex ihallas dan l-ammont ta' tmien mija u wiehed u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€841.41) kemm permezz ta' itta legali datata l14 ta' Mejju, 2014 (Dok B) u kemm permezz ta' ittra ufficjali (numru 1978/14) datata 9 ta' Gunju, 2014 (Dok C), l-intimat baqa inadempjanti u ried ghal ragunijiet li jaf hu izda li ma hummiex gustificati, ihallas biss l-ammon ta' erba' mija u tnejn u sittin ewro (€462) ghas-soldu, liema ammont mhux accettabbli ghall-attur.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn it-Tribunal qieghed jigi mitlub jordna lill-intimat ihallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€841.41) ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 1978/14 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenut debitament notifikat prezenta r-risposta tieghu fid-19 ta' Settembru, 2014 fejn ecepixxa illi l-intimat jikkontesta t-talba tar-rikorrent ghas-segwenti rarunijiet:

1. Illi preliminarjament, l-ammont reklamat huwa preskritt taht l-Art. 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-ammont reklamat huwa zbaljat u mhux dovut.

3. Illi l-ammont korrett li huwa dovut huwa ta' erba' mija u tnejn u sittin ewro (€462.00).

4. Illi dan l-ammont gie depozitat fir-Registru tal-Qorti permezz ta' cedola numru 1175/14 sabiex jigi liberament zbankat mill-intimat.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghar-ragunijiet suesposti ghandu jirrispingi t-talba tar-rikorrent bl-ispejjez.

Xehed l-attur li spjega li kien ta' konsenja jeans lil konvenut biex dan ibieghhom u l-attur jithallas on consignment. Filfatt il-konvenut beda jbiegh u dejjem jirriplejsa s-sizes li jkun biegh u jhallas ta' wiehed. Wara li l-konvenut dam jaghmel u baqa’ jixtri l-jeansijiet talab lill-attur sabiex irahsu l-prezz. L-attur accetta pero ghalih l-intendiment kien li qed inaqqas il-prezz tal-good mhux tal-jeansijiet lit ah on consignment.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid illi meta talab lil attur irahhas il-prezz kien qed jirreferi ghall-lot kollu u mhux il-godda li kien ser jixtri. Minbarra dan il-konvenut qabad u biegh il-jeansijiet bi prezz inqas min dak imrahhas mill-attur biex hekk bieghhom b’telf.

Minbarra dan kollu l-attur qed jitlob ukoll il-hlas ta’ jeans wiehed li kien ikonsenja lill-konvenut fid-dar tieghu stess ta’ liema jeans ma gietx ipprezentata invoice iffirmata.

Fil-mori tal-kawza l-konvenut ikkonsenja sitt jeansijiet lill-attur li accetta u ghalhekk l-ammont ghandu jinzel b’mija sitta u sebghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€176.56).

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma li l-konvenut huwa obbligat ihallas tal-jeansijiet li zamm. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tregix peress illi x-xoghol kellu jithallas on consignment u mhux meta hadu kif ukoll il-konvenut qed jaccetta li jrid ihallas izda ammont inqas minn dak mitlub u cioe l-prezz imrahhas. It-Tribunal ihoss illi meta kien hemm ftehiem ta' trahhis fil-prezz kien qed jirreferi ghal jeans li kienu ser jinxtraw u mhux dawk diga konsenjati. Il-konvenut meta bieghhom bi prezz inqas u b'telf ghamel hekk b'responsabilita tieghu stess ghaliex l-attur dejjem kien lest biex jaccetahom lura kif filfatt accetta t-tlett jeans li l-konvenut ikkonsenja waqt il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' it-talba attrici ghas-somma ta' tmien mija wiehed u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€841.41) tnaqqas wiehed u ghoxrin ewro (€21) li jammontaw ghal tmien mitt ewro u ghoxrin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€820.41) li tnaqqas l-ammont ta' mija sitta u sebghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€176.56) jammonta ghal sitt mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€643.85) u jikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lil attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali 1978/14 jkun a karigu tal-konvenut u l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------